MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Talba Numru. 776/2003

**Camenzuli John**

**Vs**

**Vernon's Food Manufacturing & Trading Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April 2003 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm537.86 (hames mija sebgha u tletin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) dovuti ghal servizzi rezi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas lil attur is-somma ta' hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm537.86) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi provduti mill-attur lil istess socjeta` konvenuta, liema servizzi gew debitament accettati mill-istess socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mit-3 ta’ Gunju 2002 kontra s-socjeta` konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi s-servizz moghti mill-attur ma kienx wiehed sodisfacenti ghall-konvenuti u ma kienx wiehed komplet. Il-konvenut baghat hlas ta’ Lm250 sakemm l-attur jikkompjeta x-xoghol tieghu.
3. Illi r-rapport maghmul mill-attur mhux wiehed korrett u mhux maghmul skond il-professjoni – ghalhekk it-talba attrici ma ghandix tigi milqugha.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti inkluz ir-relazzjoni peritali, flimkien ma noti ta’ osservazzjonijiet.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici hija ntiza biex l-attur jithallas is-somma ta’ hames mija u sebgha u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm537.36) ghall-xoghol esegwiet fuq inkarigu fuqu specifiku tas-socjeta` konvenuta.

Illi huwa kien inkarigat mill-istess socjeta` konvenuta sabiex jaghmel *ultra sound u magnetic testing* tat-tubijiet esistenti fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta. Meta gie rinfaccjat bir-rizultati attrici, l-Managing Director tas-socjeta` konvenuta Martin Borg ra li l-istess rizultati kienu xi ftit strambi. Inkariga lil Pawlu Cardona u dana kkonfermalu bi ftehim bejn l-istess partijiet, l-istess Pawlu Cardona gie nominat minn perit tekniku biex jassisiti t-Tribunal f’din il-materja teknika. L-iskop ta’ l-ezami huwa biex jigi ezaminat il-hxuna ta’ l-istess tubijiet jekk dawn it-tnejn waqghux biz-zmien u bix-xoghol. Min dawn irrizulta li dawn kienu ehxen mhux effettivament kif suppost ikunu. L-attur sia x-xhieda tieghu bl-affidavit u d-dokumentazzjoni esebita, jitfa l-piz ta’ nuqqas ta’ ftehim fuq is-socjeta` konvenuta billi dina naqset li tissuplixxih,

b'certa dokumentazzjoni u b'certa nformazzjoni. Is-socjeta` konvenuta meta rinfaccjata bil-kont baghtitlu akkont is-somma ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) u dana sabiex jithallas *on account* sakemm ikollhom ir-rizultanzi propria. Baqa ma ntlahaq l-ebda ftehim u gew inizjati l-proceduri odjerni.

Illi dan parti tas-socjeta` konvenuta qatt ma cahdet illi kienet debitrici ta' l-attur fl-ammont mitlub lill-istess attur. Di fatti kienet hallset akkont is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) pero` l-istess *cheque* ma giex imsarraf peress illi c-*cheque* kien hareg f'isem hazin. Is-socjeta` konvenuta qatt ma cahdet li l-ammont mitlub mill-istess attur ma kienx jispetta lill-istess attur pero` kien jispetta li jithallas l-istess attur jekk kellhu jikkompleta l-*over* lilhu moghti. Da parti tieghu l-attur irrifjuta li jaghmel dan stante illi skond hu dak lilu moghti gie minnu esonerat. Il-fatt illi l-istess rapport ma kienx sodisfacenti lis-socjeta` konvenuta taghha minhabba nuqqasijiet taghha stess ma kienx essenzjali.

Illi t-Tribunal kif rizultanti mill-istess rapport peritali esebit a Fol 83 u 84 tal-process, minnhu jirrizulta ampjament illi l-inkarigu ma giex espletat kif suppost. Kien x'kien l-inkarigu ta' l-attur, l-istess attur bhala bniedem tekniku u espert fil-kamp tieghu, meta gie biex jaghmel dik l-ispezzjoni, jirrikjedi t-Tribunal illi messu ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex jaghmel l-istess xoghol.

F'materja simili ta' natura teknika specjalizzata ta' certa portata ma kellhu jithallas xejn li setgha b'xi mod u manjiera tindika l-istess inkarigu ma jigix esegwit skond l-ahjar arti u s-sengha kif titlob l-istess professjoni. Certu prekawzjonijiet messhom ittiehdu mill-istess attur ab initio minghajr in necessita ta' xi verifika da parti ta' l-istess socjeta` konvenuta. Anzi l-istess verifika messha saret ab initio mill-istess attur qabel ma beda jespleta l-inkarigu lilhu moghti. Ex admissis, is-socjeta` konvenuta hasset illi ghandha thallas ammont lill-attur tax-xoghol minnhu segwit, pero` mhux l-ammont kollhu qabel ma l-istess survey jigi espletat fil-kompletezza tieghu, haga ma li gietx kompletata mill-istess attur.

It-Tribunal ihoss illi l-attur ghandhu jithallas tax-xoghol minnhu esegwit pero` mhux fl-ammont minnhu ndikat da parti tieghu. Is-socjeta` anka mill-att ta’ ekwita ghandha thallas izjed minn dak minnha originarjament offert u ghaldaqstant it-Tribunal jaqtaghha billi l-ammont konsegwibbli bhala hlas ghal servizzi resi mill-attur fis-somma ta’ tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350).

Il-fatt li l-ammont ma giex depozitat mis-socjeta` konvenuta ser jigi rifless fil-kap ta’ l-ispejjes.

Jiddeciedi ghalhekk filwaqt illi jilqa in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-istess talba attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma lill-attur ta’ tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350). In vista tal-fatt li l-ebda ammont ma gie depozitat mill-istess socjeta` konvenuta, l-ispejjez ghandhom jibqghu a karigu taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------